

## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/466

tas-17 ta' Novembru 2020

**li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika n-numru u t-titolu tal-varjabbli għad-dominju tal-introjt u tal-kundizzjonijiet tal-għajxien dwar is-saħħa u l-kwalità tal-ħajja**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ottubru 2019 li jstabilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' *data* fuq livell individwali miġbura minn kampjuni, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 808/2004, (KE) Nru 452/2008 u (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Biex tkopri l-ħtiġijiet identifikati fis-suġġetti dettaljati rilevanti, il-Kummissjoni jenħteġ tispeċifika n-numru u t-titli tal-varjabbli għas-sett tad-*data* fid-dominju tal-kundizzjonijiet tal-għajxien (UE-SILC).
- (2) L-istatistika tal-UE mill-istħarriġ dwar l-introjt u l-kundizzjonijiet tal-għajxien ("stħarriġ tal-EU-SILC") hi strument ewlieni biex tingħata l-informazzjoni meħtieġa mis-Semestru Ewropew u l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, b'mod partikolari għad-distribuzzjoni tal-introjt, il-faqar u l-esklużjoni soċjali. Tipprovdi wkoll informazzjoni dwar il-kura tas-saħħa, id-determinanti tas-saħħa, l-istat tas-saħħa u d-diżabbiltà mill-modulu ta' kull tliet snin dwar is-Saħħa, u *data* dwar il-benesseri u l-parteċipazzjoni soċjali u kulturali mill-modulu ta' kull sitt snin dwar il-Kwalità tal-ħajja.
- (3) In-numru tal-varjabbli li jridu jinġabru ma jaqbiżx b'aktar minn 5% lin-numru tal-varjabbli miġbura għad-dominju tal-kundizzjonijiet tal-għajxien fit-3 ta' Novembru 2019 meta daħal fis-seħħ ir-Regolament (UE) 2019/1700,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

In-numru u t-titolu tal-varjabbli għall-modulu ta' kull tliet snin dwar is-Saħħa u għall-modulu ta' kull sitt snin dwar il-Kwalità tal-ħajja fid-dominju tal-kundizzjonijiet tal-għajxien huma stabbiliti fl-Anness.

(<sup>1</sup>) ĠU L 261 I, 14.10.2019, p. 1.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Novembru 2020.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Ursula VON DER LEYEN

---

## ANNEX

In-numru u t-titolu tal-varjabbli għall-modulu ta' kull tliet snin dwar is-Saħħa u għall-modulu ta' kull sitt snin dwar il-Kwalità tal-Ħajja fid-dominju tal-introjtu u tal-kundizzjonijiet tal-għajxien.

Modulu	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli
Saħħa	Kura tas-saħħa (6 varjabbli miġbura)	HS200	Piż finanzjarju tal-kura medika (għajr il-mediċini)
		HS210	Piż finanzjarju tal-kura dentali
		HS220	Piż finanzjarju tal-mediċini
		PH090	Għadd ta' konsulti ma' prattikant mediku ġenerali jew ma' tabib tal-familja fl-aħħar 12-il xahar
		PH080	Għadd ta' konsulti ma' dentist, ortodontista jew speċjalisti oħra tal-kura dentali fl-aħħar 12-il xahar
		PH100	Għadd ta' konsulti ma' speċjalista mediku jew kirurġiku (għajr dentisti, ortodontisti jew speċjalisti oħra tal-kura dentali) fl-aħħar 12-il xahar
	Determinanti tas-saħħa (8 varjabbli miġbura)	PH110A	BMI 1 Piż
		PH110B	BMI 2 Għoli
		PH122	Tip ta' attività fiżika waqt ix-xogħol
		PH132	Frekwenza tal-attivitajiet fiżiċi (għajr ix-xogħol innifsu)
		PH142	Frekwenza tal-konsum tal-frott (għajr il-frott magħsur)
		PH152	Frekwenza tal-konsum tal-ħaxix jew tal-insalata, (għajr il-frott magħsur)
		PH171	Frekwenza tal-użu tat-tabakk (għajr sigaretti elettroniċi jew apparat elettroniku simili)
		PH180	Frekwenza tal-konsum ta' xorb alkoħoliku ta' kwalunkwe tip
	Dettalji dwar l-istatus tas-saħħa u d-diżabbiltà (6 varjabbli miġbura)	PH101	Diffikultà fil-vista, anki meta jintlibsu nuċċali jew lentijiet tal-kuntatt
		PH111	Diffikultà fis-smiġh, anki meta tintlibes l-għajnuna għas-smiġh
		PH121	Diffikultà fil-mixi jew fit-tluġh ta' turġien
		PH131	Diffikultà bil-memorja jew bil-konċentrazzjoni

		PH141	Diffikultà bil-kura personali bħall-ħasil tal-ġisem kollu u bix-xedd tal-ilbies
		PH151	Diffikultà bil-komunikazzjoni (bl-użu tal-lingwa ordinarja, pereżempju biex tifhem jew tinftiehem)
Kwalità tal-ħajja	Benesseri (7 varjabbli miġbura)	PW241	Sentiment ta' emarġinazzjoni
		PW030	Sodisfazzjon bis-sitwazzjoni finanzjarja
		PW160	Sodisfazzjon bir-relazzjonijiet personali
		PW120	Sodisfazzjon bil-mod kif jitqatta' l-ħin (l-ammont ta' ħin liberu)
		PW230	Solitudni
		PW090	Kuntentizza
		PW180	Għajnuna mingħand ħaddieħor
	Parteċipazzjoni soċjali u kulturali (13-il varjabbli miġbura)	PS010	Għadd ta' mawriet fiċ-ċinema
		PS020	Għadd ta' mawriet għal avvenimenti live (reċti, kunċerti, opri, balè u wirjiet taż-żfin)
		PS030	Għadd ta' mawriet f'siti kulturali
		PS040	Għadd ta' avvenimenti sportivi live miżjura
		PS041	Prattika ta' attivitajiet artistiċi
		PS042	Qari ta' kotba (fosthom kotba elettroniċi jew kotba awdjo, tul is-sena)
		PS050	Frekwenza ta' attivitajiet li jlaqqgħu lill-familja (qraha)
		PS060	Frekwenza ta' attivitajiet li jlaqqgħu lill-ħbieb
		PS070	Frekwenza tal-kuntatti mal-familja (qraha)
		PS080	Frekwenza tal-kuntatti mal-ħbieb
		PS110	Parteċipazzjoni f'attivitajiet volontarji formali
		PS111	Parteċipazzjoni f'attivitajiet volontarji informali
		PS102	Ċittadinanza attiva